MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 236/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ian Camilleri**
**Ernest Pulis**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ian Camilleri, Ernest Pulis u persuna ohra talli f’dawn il-Gzejjer, f’Mejju 2005 u fix-xhur precedenti, fil-Pace Guesthouse, Triq Sant’Agata, Sliema, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istes disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita` barranin u Maltin;

(2) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

(3) Lil Ernest Pulis wahdu talli f’dawn il-Gzejjer fl-14 ta’ Mejju 2005 u fix-xhur ta’ qabel minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm fil-fond Pace’s Guesthouse, Triq Sant’Agata, Sliema, ezattament fil-kamra numru 12, armi tan-nar u munizzjon u cioe` pistol ta’ kulur iswed minghajr ghamlu 9 mm. bis-Serial Number C05304 u pistol ghamla Valtrow 9 mm. bis-Serial Number F28684 u ghoxrin (20) 9 mm. bullets munizzjon;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lil Ernest Pulis hati tat-tielet imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minnu izda sabet lil Ian Camilleri u l-istess Ernest Pulis hatja taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u kkundannathom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Ian Camilleri pprezentat fit-13 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata li biha gie misjub hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata skond il-kaz;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ernest Pulis ipprezentat fit-13 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie lliberat mit-tielet imputazzjoni u tirrevoka u thassar dik il-parti fejn huwa gie misjub hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie

kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma s-sejbien ta’ htija ta’ l-imsemmijin Ian Camilleri u Ernest Pulis fuq l-ewwel zewg imputazzjonijiet, tikkonferma l-perijodu ta’ sentejn prigunerija kull wiehed, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi billi timponi wkoll il-piena tal-multa, u tirrevokaha ukoll f’dik il-parti fjn illiberat lil Ernest Pulis mit-tielet imputazzjoni u minflok issibu hati u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Novembru 2007 li biha ddikjarat is-sentenza appellata nulla in kwantu tirrigwarda biss l-appellant Ian Camilleri u, a tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, ghaddiet biex tittratta l-kaz fil-mertu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-aggravji ta’ l-appellanti Ian Camilleri (li, stante li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fil-konfront tieghu giet annullata, sejrin jitqiesu bhala s-sottomissjonijiet tieghu dwar il-provi migbura mill-ewwel Qorti) u Ernest Pulis u li huma identici. Dawn l-aggravji huma fil-qosor is-segwenti:

(1) l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabet htija dwar l-ewwel imputazzjoni peress illi kienu manifestament mankanti t-tliet ipotezijiet ta’ fatt (li huma alternattivi ghal xulxin) indikati mis-subinciz (3) ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 63. Jghidu li fin-nuqqas ta’ prova sodisfacenti ta’ wahda minn dawn it-tliet ipotezijiet, ir-reat ta’ ghixien minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ma jistax jirrizulta. L-anqas ma jista’ wiehed jargumenta li kellhom jigu misjuba hatja taht l-imsemmi artikolu 7 in konsegwenza tal-fatt li gew misjuba

hatja tar-reat taht l-artikolu 8 tal-Kap. 63, ghaliex iz-zewg reati huma guridikament distinti minn xulxin u ghalhekk jistghu jirrizultaw separatament. Persuna tista’ tigi misjuba hatja talli tkun ezercitat sehem jew kontroll f’burdell fejn il-prostituzzjoni ma tkunx qieghda ssir bi hlas jew korrispettiv izda addirittura b’xejn, ghax l-element ta’ hlas mhuwiex wiehed mill-elementi ta’ l-atti rikonoxxuti bhala kostituttivi ta’ l-attivita` tal-prostituzzjoni. Inoltre mill-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti mhux biss ma jirrizultax li kienu jghixu minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni izda addirittura jirrizulta illi mill-attivita` immorali li setghet talvolta kienet qieghda ssehh gewwa Pace Guest House ma kienu jircievu xejn. Difatti huma kienu jircievu salarju minghand l-persuna li kellha f’idejha l-lokazzjoni ta’ Pace Guest House, certu Bajada; (2) l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-forma kontinwata fit-termini ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 ghaliex kif inhu pacifiku fil-gurisprudenza fir-reati ipotizzati fl-artikoli 7 u 8 tal-Kap. 63, l-abitwalita` jew ir-ripetizzjoni ta’ l-attijiet hija element sostanzjali tar-reati stess u konsegwentement l-ewwel Qorti kienet skorretta meta applikat iz-zieda ta’ grad jew tnejn kontemplati fl-artikolu 18 tal-Kap. 9; (3) l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabithom hatja tat-tieni imputazzjoni ghaliex mill-provi prodotti kien se mai jirrizulta wiehed mir-reati kontemplati fl-artikoli 9 jew 10 tal-Kap. 63 u mhux dak dedott taht l-artikolu 8 tal-Kap. 63. F’dar-rigward jirreferu ghax-xiehda ta’ Josephine Chircop u provi indiretti u indizjarji kompilati quddiem l-ewwel Qorti li juru li ma kinux huma li kienu qeghdin izommu, jezercitaw jew ikollhom sehem fl-ezercizzju ta’ burdell; (4) il-piena erogata hi fi kwalunkwe kaz manifestament eccessiva, gravuza u sproporzjonata.

L-appellanti Ian Camilleri u Ernest Pulis gew akkuzati bi ksur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 63, specifikatament ir-reat kontemplat fl-ewwel subartikolu ta’ l-imsemmi artikolu 7, cioe` li, xjentement, ghexu ghal kollox jew f’parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ persuna ohra, u ta’ l-artikolu 8 tal-Kap. 63, cioe` li zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnom li huma

ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali. Huma jsostnu li ma kellhomx jinsabu hatja ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Mill-provi migbura jirrizulta li fl-14 ta’ Mejju 2005 saret tfittxija gewwa Pace’s Guest House fi Triq Sant’Agata, tas-Slema, in konnessjoni ma’ investigazzjoni li kienet issir dwar prostituzzjoni, briedel u traffikar ta’ persuni. Din it-tfittxija saret wara tfittxija ohra f’Adam’s Guest House f’Paceville fejn instabu xi dokumenti li kienu jappartjenu lil Pace’s Guest House. Fil-post kien hemm erbat irgiel, fosthom l-appellanti Camilleri u Pulis, u tliet nisa li gew arrestati. Mill-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni m’hemm l-ebda dubju li l-fond Pace Guest House kien qieghed jintuza bhala burdell.

**Josephine Chircop** xehdet li fil-fond imsemmi hi u nisa ohrajn kienu jmorru jaghmlu xoghol ta’ prostituzzjoni. In-nazzjonalita` taghhom kienet Maltin, Cinizi u Russi. Hija spjegat li jekk iggib ragel minn barra thallas mod u jekk ragel mill-post thallas mod iehor. Qalet li l-procedura ta’ ragel minn hemm gew kienet li n-nisa kienu jkunu isfel, jinzlu l-irgiel, jaghzlu lin-nisa, imbaghad jitilghu f’kamra fuq. Meta thallas il-kamra kienet titlob condm u tibqa’ tiela. Meta bdiet tmur fil-post kien hemm Trish, Lolly u Victor izda mbaghad l-arrangamenti kienet taghmilhom ma’ l-appellanti Camilleri u Pulis u ma’ Louisa. Meta kien hemm l-ahhar tlieta li semmiet, il-hlas kienet taghmlu lilhom. In-nisa li kien ikun hemm kwazi kollha jbiddlu isimhom. Lill-klijenti kienet izzommilhom Lm20, thallas xi Lm7.50 ghall-kamra u Lm10 jekk iggib in-nies minn barra.

**Gino Nappa** xehed li kien imur fil-fond in kwistjoni biex ikollu x’jaqsam ma’ certa Josette. Kien ihallas Lm10 tal-kamra lil Ian Camilleri jew lil Ernest Pulis, skond min ikun hemm. Lill-mara li jkollu x’jaqsam maghha kien jiftiehem maghha separatament.

Mill-process verbal rigwardanti inkjesta dwar zamma ta’ burdell li sehh fit-13 ta’ Mejju 2005, tirrizulta x-xiehda ta’ **Alla Bobrova** li qalet li tat is-servizzi sesswali taghha

f'Pace Guest House u l-flus imbaghad ittihom lil certu Lolly. Hemm ukoll ix-xiehda ta' **Iryna Voronina** li qalet li kienet marret darba f'Pace Guest House biex taghti servizzi sesswali imma kien hemm hafna nisa u hi ma kinitx maghzula.

Issir referenza issa ghad-Dok. LC1 u d-Dok. LC2 li gew esebiti bhala l-istqarrijiet ta' l-appellanti Camilleri u Pulis. Dawn l-istqarrijiet, specjalment dik ta' Camilleri, jaghtu dettalji ta' dak li kien isir f'Pace Guest House.

Fl-istqarrija tieghu **Ian Camilleri** qal li Lolly Bajada, il-persuna li lilu hi mikrija l-Guest House qallu biex jamministra l-Guest House u jiehu hsieb. Qal li Ernest Pulis jamministra mieghu. Mistoqsi jekk il-Guest House qed tintuza bhala burdell, wiegeb: "Speci ta'". Mistoqsi ghalfejn qed jghid hekk wiegeb: "Ghax jien hemmhekk nikri l-kmamar". Qal li residenti (nisa) jikrulhom kmamar ghal Lm8.50 kull nofs siegha. Nies li ma jafuhomx Lm10. Muri dokument b'lista ta' ismijiet taht il-kelma "Girls", qal li dawk huma r-residenti nisa li semma u spjega min huma kull wahda minnhom li huma ta' nazzjonalita` Maltija, Ciniza u Russa. Qal li dawn it-tfajliet jaghtu servizzi sesswali u t-Lm8.50 ituhomlu huma. Jistennew il-klijenti isfel. Meta jigu l-klijenti isaqsu x'hemm tfajliet u jghidilhom jinzlu isfel u biex jirrangaw mat-tfajla ghaliex ghalih l-importanti li jiehdu Lm8.50 ta' nofs siegha. Fl-assenza tieghu jiehu hsieb Ernest. Minn dax-xoghol jiehu Lm50 fil-gimgha u l-kamra juzaha b'xejn. Fuq l-istess dokument fejn hemm l-ismijiet tat-tfajliet hemm cifri ta' flus mitkubin minnu u slaleb ftit tieghu u ftit ta' Ernest. Fejn hemm *room rented paid* hija l-kitba ta' Ernest. Slaleb ifissru kull kamra li tinkera. Dawn il-formoli jimtlew kuljum. Gieli jigi certu Victor ghalihom, gieli Lolly u gieli jmur hu bihom l-Adam's Guest House. Meta r-residenti tfajliet jigu ma' rgiel minn barra jiccargja ftit aktar "Ghal business". Il-klijenti jidhlu wahedhom. Meta ma jkunx hemm tfajliet forsi xi darbtejn hu cempel lil xi tfajla. Mistoqsi jekk meta jidhol klijent ghal tfajla, ikunux hu u Ernest li jaghtu c-cavetta tal-kamra flimkien ma' condom, wiegeb li gieli iva imma l-bicca l-kbira jkollhom taghhom; anke cavetta gieli jkollhom it-tfajliet.

Fl-istqarrija tieghu **Ernest Pulis** qal li hu jiehu hsieb il-Pace Guest House bhala struttura. Tah ix-xoghol Victor Bajada, kamra b'xejn u Lm200 fix-xahar ghall-*maintenance*. Qal li responsabbli tal-Guest House huma Victor zgur u forsi missieru Lolly. Qal li zewg tfajliet li jisimhom Monika u Josette gieli jigu minn barra u jikru kamra u gieli jigu wahedhom u jinzlu isfel. Mistoqsi kemm ihallas ragel biex jinghata servizz sesswali, wiegeb li tal-kamra jhallas Lm10. Gie muri d-dokument bl-ismijiet tat-tfajliet u spjega min kienu kull wahda minnhom u x'nazzjonalita`. Qal li mhumiex residenti fil-Guest House. Huwa qatt ma cempel lil xi tfajla biex tigi taghti servizz ta' prostituta meta ma jkunx hemm tfajliet. Ghall-flus l-aktar li jara lil Ian u ghalhekk hu jaghtihomlu. Fil-Guest House hu jqum fis-7.00a.m. u normalment jaghmel sat-3.00 p.m. u gieli telaq qabel u gieli wara. Fin-nuqqas tieghu jiehu hsieb Ian Camilleri. Ghal diversi mistoqsijiet baqa' sieket.

Ghalkemm Ernest Pulis ipprova jghid mill-anqas fl-istqarrija tieghu, dak li qal flimkien max-xiehda ta' Josephine Chircop u ta' Gino Nappa huwa sufficjenti biex juri minghajr dubju ragjonevoli li huwa kien jaf precizament x'qieghed isir f'Pace Guest House u li xoghlu ma kienx purament, kif jghid, *maintenance*.

L-appellanti Camilleri u Pulis jghidu li ma tirrizulta l-ebda wahda mill-ipotezijiet kontemplati fl-artikolu 7(3) tal-Kap. 63. Dak li ma jghidux l-appellanti pero` hu li s-subartikolu (3) jelenka ipotezijiet fejn tezisti <u>prezunzjoni</u> li persuna tkun qieghda tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni. Ma jfissirx illi dawn huma ad eskluzjoni ta' cirkostanzi ohra. L-appellanti jsostnu wkoll li ma kienu jircievu xejn mill-attivita` immorali li setghet kienet qieghda ssehh gewwa Pace Guest House u kienu jircievu salarju minghand il-persuna li kellha f'idejha l-lokazzjoni tal-fond. Izda hemm id-dikjarazzjoni inekwivoka ta' Ian Camilleri li kien jamministra u jiehu hsieb u l-istqarrija ta' Ernest Pulis turi bla ebda dubju li kellu sehem dirett fl-amministrazzjoni tal-post. Dak li kienu jircievu l-appellanti bhala hlas ma jistax jigi distakkat mill-pagamenti li kienu jsiru mit-tfajliet li kienu qeghdin jipprostitwixxu ruhhom f'Pace Guest House ghall-kmamar li kienu jintuzaw ghal tali skop; u l-flus ghal tali

pagamenti kien gej minghand il-“klijenti” li kienu jfittxu s-servizzi ta’ dawn it-tfajliet. Ghalhekk l-appellanti gew korrettement misjubin hatja skond l-artikolu 7 tal-Kap. 63, b’dan li jrid jigi precizat li l-htija hi fir-rigward tar-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi artikolu 7.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellanti jidher li ghandhom ragun. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija v. George Pace** deciz fil-11 ta’ Ottubru 1952 (Vol. XXXVI.iv.817 gie deciz precizament dan il-punt. F’dik is-sentenza ntqal precizament hekk:

**“Biex jista’ jinghad li bniedem qieghed jitmantna, ghal kollox jew f’parti, mill-qliegh tal-prostituzzjoni, hemm bzonn bhala element stess tar-reat, serje, ossija kumpless ta’ attijiet, li flimkien jiffurmaw l-azzjoni vjolatrici tal-ligi. Minn dantnzel logika l-konsegwenza. Galadarba element indispensabbli tar-reat kontinwat huwa illi jkun hemm ‘la ripetizione di piu` azioni, ciascuna delle quail rappresenta una perfetta violazione della legge (Carrara, Programma, Parte Generale, para. 517), u galadarba kull att minn dawk fuq imsemmijin, wahdu, ma jistax jikkostitwixxi azzjoni vjolatrici tal-ligi, ghax hemm bzonn li jkun hemm kumpless ta’ attijiet, ghalhekk dak il-kumpless ma jgibx kontinwita`, ghaliex hu kompost minn pluralita` ta’ attijiet, u mhux minn pluralita` ta’ azzjonijiet, kull wahda minnhom vjolazzjoni perfetta tal-ligi;**

**“Din il-konkluzjoni ma tigix nieqsa bil-puralita` tas-suggetti passivi (nisa li jipprestaw ruhhom); ghax anzi d-dottrina awtorevoli (Impallomeni, Monografia, Concorrenza Reale e Concorrenza Formale dei Reati) hija aktarx ta’ fehma illi, meta ma jkunx reat kontra l-proprjeta`, allura d-diversita` tas-suggett passiv hi ostativa ghan-nozzjoni tar-reat kontinwat. Proprjament, f’kazijiet ordinarji, id-diversita` tas-suggett passiv imissha ggib molteplicita` ta’ reati unici; imma f’dan il-kaz ta’ dan id-delitt, filwaqt li ma**

**ggibx kontinwita`, ma ggibx lanqas pluralita` ta' delitti; ghaliex fl-essenza tieghu dan hu delitt, kif juri l-bon sens guridiku u t-termini tas-subartikolu (3) tal-art. 7 tal-Kap. 102, minn dawk li l-Maino jsejjah gustament (Vol. I, p. 263, para. 422) 'delitto complesso unico', li fih ikun hemm molteplicita` ta' attijiet, izda mhux ta' reati."**

Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh.

Permezz tat-tielet aggravju mbaghad l-appellanti jsostnu illi mill-provi prodotti semmai kellu jirrizulta xi wiehed mir-reati kkontemplati fl-artikoli 9 jew 10 tal-Kap. 63. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi dak li kienu qeghdin jaghmlu l-appellanti kien precizament l-ezercizzju (fit-test Ingliz *"manage"*) ta' burdell. Ghalhekk instabu hatja sew skond l-artikolu 8 tal-Kap. 63.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. Jghidu illi r-rwol taghhom kien marginali. Fil-kaz ta' l-appellant Camilleri ma nghatax kaz ghall-fatt li mhuwiex recidiv u l-unici kundanni jirrisalu ghal meta kien ghadu minorenni. Fil-kaz ta' l-appellant Pulis ma nghatax kaz ghall-fatt li ghandu biss kundanna wahda *de minimis*. Hu ghalhekk applikabbli fil-kaz taghhom l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Il-piena li giet imposta kienet intenzjonata unikament biex twissi lil terzi u lis-socjeta` in generali. Jghidu wkoll illi gew trattati manifestament differenti minn persuni ohra akkuzati bl-istess reati u reati aktar gravi.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

F'dan il-kaz il-piena ta' sentejn prigunerija nflitta fuq iz-zewg appellanti taqa' fil-parametri tal-ligi. Jigifieri l-ewwel

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Qorti kellha kull dritt tinfliggi l-piena li nfliggiet b’dan illi, stante li ccitat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 u ghalhekk jidher li applikat dan l-artikolu, in vista tal-fatt li, kif gie deciz aktar ‘il fuq, ma kienx applikabbli, sejjer ikun hemm temperament fil-piena ghal tali raguni. Barra minn hekk irid jittiehed kont tal-fatt ukoll illi huma kienu tqabbdu biex jaghmlu dan ix-xoghol minn persuni ohra li kellhom il-kirja u l-licenzja ta’ Pace’s Guest House. Inoltre jirrizulta illi l-appellant Ian Camilleri kellu sehem aktar attiv fit-tmexxija tal-Guest House, ossia tal-burdell, billi, kif jammetti huwa stess, kien hemm sahansitra zewg okkazjonijiet fejn cempel lil xi tfajliet biex jigu jaqdu lill-klijenti Ghalhekk dan kollu jrid jittiehed in konsiderazzjoni meta jigi ffissat il-*quantum* tal-piena. Il-fatt li f’kawzi ohrajn, inkluz fil-konfront ta’ Victor Philip Bajada, inghataw sentenzi sospizi ta’ prigunerija, ma jfissirx illi l-ewwel Qorti ma setghetx jew ma kellhiex timponi piena effettiva ta’ prigunerija. Il-paraguni wara kollox huma odjuzi. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni impellenti li tiggustifika sentenza sospiza ta’ prigunerija. Dawn ir-reati huma reati mistkerrha li jaghmlu ghajb ghall-bniedem.

Issa, fir-rikors ta’ appell tieghu l-Avukat Generali ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li in vista tas-sejbien ta’ htija skond l-artikolu 8(1), l-ewwel Qorti kellha timponi wkoll il-piena tal-multa skond dak l-istess subartikolu. L-Avukat Generali ghandu ragun. Difatti min jinstab hati tar-reat hemm kontemplat jehel il-prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn u multa ta’ mhux izjed minn erba’ mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87).

It-tieni aggravju ta’ l-Avukat Generali jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa jghid illi l-ewwel Qorti kellha ssib htija fil-konfront ta’ Ernest Pulis peress illi hemm provi bizzejjed li jassodaw il-htija.

L-ewwelnett jinghad illi bin-nota tieghu tal-5 ta’ Settembru 2005, l-Avukat generali addebita din l-imputazzjoni lill-imputati kollha, inkluz mela lil Ian Camilleri. Mill-provi prodotti pero` m’hemm assolutament l-ebda prova li torbot

lil Ian Camilleri mal-pistoli u l-munizzjon in kwistjoni. Mhux l-istess jista’ jinghad pero` dwar Ernest Pulis

Issir refernza l-ewwelnett ghax-xiehda ta’ l-Ispettur Ian Joseph Abdilla li qal li waqt tfittxija li saret fil-kamra li Ernest Pulis juza fil-Guest House, instab pakkett fil-gwardarobba li kien jikkontjeni zewg pistoli u xi munizzjon. L-Ispettur Abdilla xehed li is-Sur Pulis qal li dawk l-armi kienu tieghu u assuma r-responsabbilta` taghhom, li kienu biss mudelli, li kien xtrahom minghand Gharbi u li ma kellux licenzja ghalihom. L-Ispettur Antonovich Muscat li kien prezenti waqt it-tfittixja jikkorrobora x-xiehda ta’ l-Ispettur Ian Joseph Abdilla. Imbaghad P.S. 154 Jesmond Cassar, espert ballistiku, xehed li l-pistoli in kwistjoni originarjament kienu *blank pistols* izda gew modifikati biex jisparaw *live ammunition*. Pero` qal li ma ghamilx *test fire* peress illi huwa perikoluz anke ghal min jisparahom. Il-munizzjon kien jikkonsisti f’ghoxrin balla modifikati wkoll li gew ikkargati b’balal tac-comb minn xi delettant.

Fid-dawl ta’ dawn il-provi l-imputazzjoni skond l-artikolu 3(1) taht il-Kap 66 hi pruvata u ghalhekk it-tieni aggravju ta’ l-AG qieghed jigi milqugh ukoll.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi (1) fil-konfront ta’ Ian Camilleri tittratta mieghu mill-gid u ghalhekk tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah izda ssibu hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet bl-assorbiment ta’ l-ewwel imputazzjoni fit-tieni u, wara li rat l-artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tmintax-il xahar u ghall-hlas ta’ multa ta’ 465.87 euro (2) fil-konfront ta’ Ernest Pulis, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjaratu mhux hati tat-tielet imputazjoni u minnha lliberatu u minflok issibu hati wkoll tat-tielet imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu sentejn prigunerija u minflok, wara li rat l-artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kap. 63 u l-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kap. 66, tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sittax-il xahar u ghall-hlas ta’ multa ta’ 465.87

euro, tordna l-konfiska tal-pistoli u munizzjon (Dok. JC1 – Dok. JC3) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------